# Is-Sillabu għall-Eżami tas-Sitt Sena tal-Primarja
# għas-Suġġett tar-Reliġjon għas-Sena Skolastika 2012-2013

**Il-*Worksheets* kollha huma importanti imma l-għalliema għandhom jenfasizzaw dawn il-*worksheets* indikati hawnhekk li jiffurmaw il-qafas tal-Kapi kollha. Għall-finijiet tal-eżami, l-għalliema mhumiex mistennija li jidħlu fid-dettal tal-ġrajjiet u l-persuni imsemmija aktar milli hu indikat f'dan is-sillabu. <u>Il-worksheets, li huma indikati hawnhekk bin-numru fil-kolonna tal-lemin, għandhom isiru bħala *classwork* u mhux jingħataw bħala *Homework*.</u>**

## Kap 1: Storja ta' Mħabba

| **It-Testment il-Qadim.** | **1.4** |
|---|---|
| **Il-Kontenut**<br>• L-ewwel bniedem fid-dinja – Adam.<br>• X'juru l-ġrajjiet fit-Testment il-Qadim.<br>- Il-bniedem mhux dejjem fehem lil Alla.<br>- Is-sejħa t'Abraham u n-nisel tiegħu.<br>- Il-Poplu Lhudi u t-tbatija tiegħu.<br>- Il-ħruġ tal-poplu Lhudi mill-jasar (Mosè) – il-mixja fid-deżert u d-dħul fl-Art Imwiegħda.<br>- Il-persuni li bihom Alla nqeda biex iwassal il-messaġġ tiegħu - l-Imħallfin, il-Qassisin, is-Slaten (fosthom is-Sultan David) u l-Profeti (fosthom Iżaija).<br>• L-aħħar fost il-profeti - Ġwanni l-Battista.<br>• Omm il-Madonna – Anna.<br>• Il-kuġina tal-Madonna - Eliżabetta.<br>**L-Attitudni**<br>• Meta jien nonqos lil xi ħadd għandu jiddispjaċini u nitlob skuża. | |
| **Ġrajjiet Importanti fit-Testment il-Ġdid** | **1.5** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-bidu tat-*Testment il-Ġdid*. Marija, mgħarrsa ma' Ġużeppi u t-Tħabbira tal-Arkanġlu Gabrijel.<br>• It-tħejjija għall-Messija - Ġwanni l-Battista.<br>• Ġesù jsejjaħ lill-Appostli.<br>• Ġesù jippriedka u jagħmel il-mirakli.<br>• It-tixrid tal-aħbar it-tajba u l-bidu tal-Knisja.<br>• Dawk li taw ħajjithom għall-aħbar it-tajba – il-martri, fosthom Pawlu ta' Tarsu.<br>• Nies (qaddisin) li taw ukoll xhieda għal Ġesù - San Pietru, San Stiefnu, Santu Wistin, Santa Helena, San Franġisk t'Assisi, Santa Katerina ta' Siena, Sant'Injazju ta' Loyola, San Tumas t'Akwinu, San Tumas Moore, Papa San Piju V, Santa Tereża ta' Avila, Santa Marija Goretti, San Ġorġ Preca. | . |
| **L-Attitudni**<br>• Naqdi u nagħti ħajti għall-Aħbar it-Tajba, billi nkun xhieda ta' Kristu. | |
| **Il-kommunikazzjoni bejn Alla u l-bniedem.** | **1.6** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-l-Bibbja - ix-xewqa u l-wegħdiet t'Alla lill-bniedem. | |

| | |
|---|---|
| • Il-Kmandamenti - ftehim ta' ħbiberija speċjali bejn Alla u l-bniedem.<br>• Il-komunikazzjoni bejn Alla u l-bniedem permezz tal-profeti.<br>• Il-Kmandament tal-imħabba : Ħobb 'l Alla u ħobb 'il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek.<br>• L-Għaxar Kmandamenti. | |
| **L- Attitudni**<br>• Inħarsu lejn il-Kmandamenti bħala l-gwida tagħna u t-triq li twassalna l-ġenna.<br>• Ir-rispett lejn dawk kollha li jħobbuna u jridulna l-ġdid. | |
| **Il-vuċi t'Alla fil-bniedem.** | **1.7** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-kuxjenza - il-vuċi t'Alla fina.<br>• Il-formazzjoni tal-kuxjenza.<br>• X'tgħinna nagħmlu kuxjenza ffurmata tajba. | |
| **L- Attitudni**<br>• Nitgħallem nagħraf it-tajjeb mill-ħażin. | |
| **Kap 2 - Il-Bibbja** | |
| **L-Istorja tas-Salvazzjoni** | **2.1** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-Bibbja - l-istorja ta' kif Alla mexa mal-bniedem matul iż-żmien.<br>• It-taqsimiet tal-Bibbja – it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid.<br>• Il-Bibbja fiha 73 ktieb.<br>• L-erba' Evanġelisti San Mattew, San Mark, San Luqa u San Ġwann.<br>• 21 ittra miktuba mill-Appostli – San Pawl, San Pietru, San Ġuda, San Ġakbu u San Ġwann. – Miktuba lil diversi komunitajiet li kienu għadhom kif saru Nsara.<br>• L-importanza kbira tat-Testment il-Ġdid minħabba l-wasla tal-Iben t'Alla. | |
| **L-Attitudni**<br>• Permezz tal-Bibbja Alla jwasslilna l-imħabba tiegħu lejna. Aħna nwasslu din l-imħabba lil ħaddieħor. | |
| **Il-messaġġ t'Alla għalina** | 2.3 |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-Bibbja:<br>➢ l-istorja tal-Poplu t'Alla;<br>➢ skoperta tal-fidi f'Alla u kif nibtet u żviluppat.<br>• Alla wiegħed is-Salvatur .<br>• It-Testment il-Ġdid - It-twelid, il-ħajja, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesu u t-twelid tal-ewwel kommunitajiet ta' dixxipli;<br>• It-Testment il-Ġdid juri l-imħabba t'Alla għall-bniedem fil-milja tagħha. | |
| **L-Attitudni**<br>• Permezz tal-istorja ta' Abram, naraw il-fiduċja li għandu jkollna f'Alla u kif nuru din il-fiduċja fl-oħrajn.<br>• Permezz tas-Salmi niftakru li Alla qiegħed magħna l-ħin kollu. | |
| **X'qed jgħidilna Alla** | **2.4** |
| **Il-Kontenut**<br>• Alla jħares lejn il-qalb tal-bniedem.<br>• Il-Bibbja turina x'irid jgħidilna Alla llum ukoll .<br>• Il-Bibbja fiha stejjer li minnhom nitgħallmu. | |

| | |
|---|---|
| • Il-Ħolqien.<br>• Mosè u ħuh Aron.<br>• L-istorja ta' Ġużeppi li missieru tant kien iħobbu li tah libsa b'ħafna kuluri.<br>• Danjel li ġie mitfugħ fil-fossa mal-iljuni.<br>• Ix-xogħol ta' San Ġużepp li kien ta' mastrudaxxa.<br>• It-talba tal-Missierna.<br>• Ġesù sikket it-tempesta fil-Baħar tal-Galilea.<br>• Ġuda (l-Iskarjota) li kien appostlu u li ttradixxa lil Ġesù. | |
| **L-Attitudni**<br>• Mill-ħajja ta' San Ġużepp nitgħallmu kemm hu importanti li nimpennjaw ruħna għal dak li għandna nagħmlu. | |
| **Kemm iħobbna Alla** | **2.6** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-Bibbja turi l-imħabba li Alla l-Missier għandu għalina.<br>• Lil Alla ma narawhx imma jikkommunika magħna.<br>• Kristu bil-ħajja tiegħu wriena l-imħabba t'Alla l-Missier.<br>• Għal kull cirkustanza fil-ħajja tagħna fil-Bibbja nsibu s-soluzzjoni għaliha.<br>• Il-quddiesa tal-Ħadd twasslilna erba' biċċiet qari mill-Bibbja - l-ewwel qari, is- salm responsorjali, it-tieni qari u l-Evanġelu. | |
| **L-Attitudni**<br>• Kemm hija importanti l-gratitudni u allura li napprezzaw dawk l-affarijiet li jsiru għalina minn ħaddieħor. | |
| **Kap 3: Il-Kalendarju** | |
| **Is-Sena Liturġika** | **3. 4** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-ġrajjiet kbar li għadda minnhom Ġesù niċċelebrawhom tul sena li nsejħulha is-sena Liturġika.<br>• It-taqsimiet tas-sena Liturġika huma l-Avvent, Żmien il-Milied, ir-Randan, Żmien l-Għid, Żmien matul is-Sena.<br>• Is-Sena Liturġika tgħinna ngħixu mill-ġdid il-mumenti l-kbar fil-ħajja ta' Ġesù.<br>• Il-ħajja ta' Ġesù turina kif għandna ngħixu l-ħajja tagħna.<br>• Jekk ngħixu ħajjitna fuq dik ta' Ġesù mmorru l-ġenna. | |
| **L-Attitudni**<br>• Inħallu s-Sena Lituġika tmexxina mal-mumenti importanti fil-ħajja ta' Ġesù.<br>• Napprezzaw il-mumenti importanti f'ħajjitna. | |
| **Is-Sagramenti tal-Bidu** | **3.5** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-laqgħa tagħna ma' Ġesù permezz tas-Sagramenti.<br>• Is-Sagramenti tal-Bidu - Il-Magħmudija, il-Griżma tal-Isqof u l-Ewkaristija.<br>• Nibdew bihom il-mixja tal-ħajja Nisranija.<br>• Il-katekumeni – il-persuni adulti li kienu jkunu jitħejjew biex jitgħammdu (jsiru Nsara), jirċievu l-Griżma tal-Isqof u l-Ewkaristija fil-Vġili tal-Għid. Maż-żmien il-Knisja bdiet tagħti dawn is-sagramenti fil-bidu tal-ħajja tal-bniedem.<br>• Iċ-Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija:<br>- Ftit wara li tarbija titwieled il-ġenituri tagħha jeħduha l-knisja biex titgħammed;<br>- Il-ġenituri u l-parrini jwiegħdu li jemmnu f'Alla u li jiċħdu lix-xitan u d-dnub | |

| | |
|---|---|
| f'isem it-tarbija;<br>- Is-saċerdot jitfa' l-ilma fuq ras it-tarbija waqt li jgħid: "Jiena ngħammdek fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu." Dak il-ħin, it-tarbija tidħol fil-familja t'Alla u titnaddaf mid-dnub.<br>• Is-Sagarment tal-Ewkaristija:<br>- Ġesù waqqaf dan is-Sagrament fl-Aħħar Ċena taħt ix-xbihat tal-ħobż u tal-inbid;<br>- Fit-Tqarbin, waqt li s-saċerdot jurina l-Ostja Mqaddsa, il-qassis jgħidilna: "Il-Ġisem ta' Kristu" u aħna nwieġbu "Ammen".<br>• Is-Sagarment tal-Griżma tal-Isqof (il-Konfirmazzjoni):<br>- Meta jkollna madwar tnax-il sena, nirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof;<br>- Inġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija;<br>- Flimkien mal-parrinu/a nitilgħu quddiem l-Isqof jew id-delgat tiegħu li jidilkilna moħħna biż-żejt u l-balzmu, waqt li jgħidilna, "Ħu s-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu". L-Ispirtu s-Santu jinżel fina bil-qawwa tiegħu u nsiru membri kbar tal-Knisja;<br>- Bil-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu nkunu nistgħu nagħtu xhieda għal Ġesù quddiem kulħadd. | |
| **L-Attitudni**<br>• Inħoss id-dmir li bħala Nisrani/ja matur/a naħdem biex inkabbar fija l-frottijiet tal-Ispirtu s-Santu – l-imħabba, il-mogħdrija, l-onestà, it-tjieba. | |
| **Is-Sagramenti tal-fejqan** | **3. 6** |
| **Il-Kontenut**<br>• Is-Sagrament tal-Qrar iġedded fina l-qawwa tar-rikonċiljazzjoni ma' Alla u ma' ħutna l-bnedmin u għalhekk ifejjaq il-konflitti ta' bejnietna.<br>• Is-Sagrament tal-Griżma tal-morda jew id-dilka tal-aħħar jagħti qawwa fir-ruħ u fil-ġisem.<br>• Iċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Morda tkun iċċelebrata hekk:<br>- Is-saċerdot jibda billi jraxxax l-ilma mbierek fuq il-marid u dawk preżenti biex ifakkarhom li Ġesù wkoll għadda mit-tbatija u l-mewt. Dan is-Sagrament jaħfer id-dnubiet;<br>- Is-saċerdot jidlek biż-żejt imbierek il-ġbin u l-idejn tal-marid biex bil-grazzja tal-Ispirtu s-Santu l-marid iħoss l-imħabba u l-ħniena tal-Mulej;<br>- Imbagħad tinqara silta mill-Kelma t'Alla;<br>- Wara l-qari s-saċerdot, bħal Ġesù, iqiegħed idejh fuq il-marid;<br>- Jekk tkun ir-rieda t'Alla, il-marid ifiq mill-marda tiegħu;<br>- San Ġakbu jikteb dwar is-Sagrament tal-Morda. | |
| **L-Attitudni**<br>• Fil-mumenti iebsin ta' ħajjitna nħallu s-Sagramenti jgħinuna biex jagħtuna l-qawwa. | |
| **Ġisem wieħed** | **3.8** |
| **Il-Kontenut**<br>• L-ewwel miraklu – it-Tieġ ta' Kana li sar fil-Galilija. (Ġwanni 2: 1-11).<br>• Is-Sagrament taż-Żwieġ:<br>- l-imħabba bejn il-koppja li toħloq familja ġdida;<br>- I-koppja tikber fl-imħabba t'Alla;<br>- Fis-Sagrament taż-Żwieġ l-għarajjes jistiednu lil Alla biex ikun magħhom tul ħajjithom kollha;<br>- Iż-Żwieġ ġie maħluq minn Alla;<br>- Ġesù jgħid li fiż-żwieġ, raġel u mara jsiru ġisem wieħed;<br>- Ġesù jgħallimna wkoll li r-rabta taż-żwieġ hi għal dejjem. | |

| | |
|---|---|
| **L-Attitudni**<br>• Nobdu lil min jieħu ħsiebna u nkunu konxji tal-ħtiġijiet tal-oħrajn. | |
| **Kap 4 - It-twelid ta' Ġesù – il-Milied** | |
| **Żmien sabiħ** | **4.1** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-Milied – żmien ta' ferħ.<br>• Niftakru li l-Iben t'Alla sar bniedem għalina. | |
| **L-Attitudni**<br>• Napprezzaw id-don tal-ħajja, speċjalment fit-twelid ta' Ġesù. | |
| **L-imħabba t'Alla għalina** | **4.3** |
| **Il-Kontenut**<br>• X'niċċelebraw fil-Milied – l-imħabba t'Alla għalina u lejn l-oħrajn li nesprimuha billi nkunu ta' servizz għall-oħrajn. | |
| **L-Attitudni**<br>• Ikolli disponibilità biex ngħin. | |
| **Il-Madonna** | **4.5** |
| **Il-Kontenut**<br>• is-sehem tal-madonna fit-twelid ta' Ġesù.<br>• - Marija – omm tagħna wkoll. Informazzjoni ħafifa fuqha. | |
| **L-Attitudni**<br>• Ngħidu r-Rużarju bħala familja – it-talba ħafna għal qalb il-Madonna. | |
| **Nies marbuta mal-Milied** | **4.6** |
| **Il-Kontenut**<br>• San Ġużepp –<br>o personaġġ importanti ħafna fil-ġrajja tal-Milied;<br>o Is-sehem ta' San Ġużepp fit-trobbija ta' Ġesù;<br>o Informazzjoni ħafifa fuq San Ġużepp.<br>• Is-sehem tal-Anġlu Gabrijel fil-ġrajja tal-Milied.<br>• Is-sehem tar-Ragħajja fil-ġrajja tal-Milied.<br>• San Franġisk – għamel l-ewwel presepju ħaj.<br>• San Ġorġ Preca – beda l-purċissjoni tal-Bambin Ġesù fit-toroq ta' Malta – tissejjaħ dimostrazzjoni.<br>• It-tliet Slaten maġi li żaru lil Ġesú. | |
| **L-Attitudni**<br>• Nilqa' u nipprepara ruħi għat-twelid ta' Ġesù. | |
| **Kap 5 - Nikkomunikaw** | |
| **Il-bniedem maħluq biex jgħix mal-oħrajn** | **5.1** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-bniedem hu ħlejqa soċjali.<br>• Il-bnedmin jikkomunikaw b'ħafna modi – hekk ikunu jistgħu jgħinu lil xulxin u jgħixu aħjar.<br>• Il-komunikazjoni għandha livelli differenti.<br>• Persuni li nikkomunikaw magħhom f'ħajjitna - eż. il-ġenituri, il-katekisti, ix-xufiera, il-kowċis tal-isports, it-tobba u l-infermiera, is-saċerdoti, il-pustiera u oħrajn. | |

| | |
|---|---|
| **L-Attitudni**<br>• Nagħti lil Ġesù importanza f'ħajti u naħdem biex nibni komunikazzjoni miegħu. | |
| **Ġesù ġie biex isalvana** | **5.5** |
| **Il-Kontenut**<br>• Ġesù - l-Iben t'Alla li sar bniedem biex jgħammar fostna u jsalvana.<br>• Ġesù - kien f'kollox bħalna barra mid-dnub.<br>• X'għamel u x'għallem Ġesù f'ħajtu.<br>• Ġesù bħala r-ragħaj tagħna, għax jieħu ħsiebna, ta ħajtu għalina.<br>• Ir-raġuni għaliex tana lilu nnifsu fl-Ewkaristija.<br>• L-imħabba t'Alla għalina - bla qies u bla kundizzjoni.<br>• Diversi persuni li ltaqgħu ma' Ġesù. | |
| **L-Attitudni**<br>• Kif nista' nersq lejn l-oħrajn bħalma Kristu resaq lejn min kellu bżonnu. | |
| **Aħna kapaċi naħfru** | **5.6** |
| **Il-Kontenut**<br>• Kemm hi sabiħa l-ħbiberija imma mhux dejjem faċli tifhem u taċċetta lil kulħadd.<br>• Ġrajjiet fl-Antik Testment u fil-Ġdid Testment ta' persuni li naqsu lil Alla - per eżempju, il-Lhud fid-deżert, lil David, lil Pietru, lil Marija Madalena, lill-ħalliel it-tajjeb, u lil San Pawl, fost l-oħrajn.<br>• Id-dnub ikisser ir-relazzjoni tagħhom ma' Alla.<br>• Alla jaħfrilna kulmeta nitolbuh.<br>• Il-Lhud gergru kontra Alla li ħariġhom fid-deżert, kisru kelmthom m'Alla hekk kif Mosè tela' fuq is-Sinaj.<br>• San Pawl li kien jippersegwita lill-Insara.<br>• San Pietru ċaħad lil Ġesù għal tliet darbiet.<br>• Ġesù keċċa seba' xjaten mill-Madalena.<br>• Żakkew kien jisraq meta jiġbor it-taxxa.<br>• Il-Ħalliel it-tajjeb aċċetta d-dnub tiegħu u talab li Ġesù jiftakar fih.<br>• Il-passi importanti biex ikun hemm il-maħfra vera tad-dnub tagħna: 1. tagħraf id-dnub tiegħek; titlob maħfra u tbiddel ħajtek. | |
| **L-Attitudni**<br>• Hu importanti li nagħrfu n-nuqqasijiet tagħna u nitolbu maħfra għalihom. Aħna wkoll naħfru lill-oħrajn. | |
| **Ir-Rikonċiljazzjoni** | **5.7** |
| **Il-Kontenut**<br>• Is-sagramenti huma l-mumenti fejn aħna nersqu lejn Alla u nħalluh jidħol f'ħajjitna biex iqawwina bil-grazzja.<br>• Meta nirċievu s-Sagramenti, il-qawwa tal-Ispirtu t'Alla jiġġedded fina.<br>• Hu l-Ispirtu ta' Ġesù fina li jagħmilha possibbli li aħna naħfru, nieħdu paċenzja, ma nċedux għal ħsibijiet ta' vendetta u tant u tant esperjenzi oħra li fihom aħna faċli nċedu u nitfixklu.<br>• Il-Magħmudija tiżra' fina ż-żerriegħa tal-fidi u ta' ħolqien ġdid. Dan il-ħolqien ġdid jissaħħaħ permezz tal-Ewkaristija u l-Qrar.<br>• Biex inqerr sewwa għandi nagħmel dawn il-ħames passi:<br>1. Naħseb dnubieti sew.<br>2. Nindem minnhom.<br>3. Nagħti kelma 'l Alla li ma nżidx .<br>4. Inqerrhom kollha . | |

| | |
|---|---|
| 5. Nagħmel il-penitenza li jagħtini l-konfessur .<br>• Il-Parabbola tal-Iben il-Ħali/tal-missier Għani fil-Ħniena – il-missier stenna lil ibnu, ħafirlu u aċċettah.<br>• Il-Parabbola tar-Ragħaj it-Tajjeb u tal-iben il-Ħali. | |
| **Attitudni** Nagħrfu l-importanza li nersqu lejn is-Sagramenti biex nilqgħu l-maħfra t'Alla għalina. | |

## Kap 6 – Simboli ta' mħabba

| | |
|---|---|
| **Ir-Rispett** | **6.1** |
| **Il-Kontenut**<br>• L-ewwel rispett nuruh lejn il-membri tal-familja tagħna, lejn dawk li jieħdu ħsiebna u lejn il-proxxmu tagħna kollu.<br>• Rispett ifisser li inti tbati biex tħobb.<br>• Ġesù wera l-ogħla rispett. | |
| **L-Attitudni**<br>• Bir-rispett u bl-imħabba, tikber fil-għaqal int u ta' madwarek. | |
| **Għarfien fi Kristu** | **6.3** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-Maġi fil-ġrajja tal-Milied ifissru li Alla ried juri lilu nnifsu lill-bnedmin kollha, anke lil dawk ta' Reliġjonijiet oħra. Aħna għandna nuru rispett lejn dawn ukoll.<br>• Aħna għarafna lil Kristu meta ħaddanna r-Reliġjon Kattolika.<br>• Ġesù hu r-Ragħaj it-Tajjeb li jdawwal it-triq tagħna biex ma nintilfux.<br>• X'naraw isir fil-knisja tagħna:<br>- Fuq l-artal ikun hemm l-kalċi li minnu s-saċerdot jixrob;<br>- Fuq l-artali tal-ġenb ikun hemm xi xemgħat li jkunu qed jixegħlu;<br>- Fuq nett, imdendel fuq l-artal ikun hemm kurċifiss li juri Kristu msallab;<br>- Meta s-saċerdot jaqra silta mill-evanġelju, jiftaħ il-Bibbja, u jibda jaqra;<br>- Meta jkun sar il-ħin għall-Ewkaristija, is-saċerdot iġib il-kalċi bl-ostji mit-Tabernaklu;<br>- L-abbati jgħin lis-saċerdot billi jġiblu l-impulluzzi (vażetti żgħar) li fihom ikun hemm l-ilma u l-inbid;<br>• Ftit differenzi bejn ir-Reliġjon Lhudija u dik Musulmana:<br>- Il-Lhud minflok x-xemgħat li nużaw aħna, jixegħlu kandelabru li jissejjaħ Menorah. Dan ifisser id-dawl tal-Mulej li tfakkar fix-xitla taqbad bla ma tinqered, fejn Mose' sema' lil Alla jkellmu;<br>- Il-Musulmani jintgħarfu mill-mod kif jilbsu. Il-post fejn jitolbu jissejjaħ Moskea u t-torri twil li jkollha kull Moskea jissejjaħ Minaret; | |
| **L-Attitudni**<br>• It-tolleranza għandha tkun il-bażi ta' kull ħbiberija. | |
| **In-Nar** | **6.6** |
| **Il-Kontenut**<br>• In-nar mhux biss jeqred, imma jfakkarna f'ħafna affarijiet pożittivi.<br>• Ġrajjiet fejn jissemma n-nar fil-Bibbja - fil-ktieb tal-Eżodu juri b'liema mod Alla kellem lil Mose' fis-siġra taqbad; in-nar fuq ras l-Appostli, kif naqraw fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli; jirrappreżenta l-qawwa u l-kuraġġ li jagħti l-Ispirtu s-Santu li niżel fuqhom dak inhar ta' Pentekoste (Atti 2: 1-31) | |

| | |
|---|---|
| **L-Attitudni**<br>• Fil-ħajja ta' kuljum Alla dejjem jibgħatilna lil xi ħadd biex jiggwidana. | |
| **Il-Ħobż** | **6.7** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-ħobż – l-iktar ikel essenzjali għall-bniedem li Ġesù ried ixebbah lilu nnifsu miegħu (Ġwanni 6, 51).<br>• Ġesù qal: "Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem.<br>• Kristu qal: "Dan hu ġismi u dan hu dejjem".<br>• Aħna ningħaqdu flimkien permezz ta' Kristu fl-Ewkaristija.<br>• Kristu għażel il-ħobż biex jibqa' ħaj magħna.<br>• Importanti li l-istudenti jsibu dawn il-passaġġi mill-Bibbja u jaħdmu fuqhom<br>- It-Tkattir tal-Ħobż (Mk.6: 34-44)<br>- Is-Sejħa ta' Zakkew (Lq. 19: 1-10)<br>- Marta u Marija (Lq10: 38-42) | |
| **L-Attitudni**<br>• Kemm hu sew li naħdmu biex insiru aħjar. | |
| **Kap 7 - Pontijiet** | |
| **Il-Ħbiberija** | **7.1** |
| **Il-Kontenut**<br>• Nibnu ħbiberija u mħabba veri.<br>• Ġenesi Kap 1, versi 27-28 –<br>- Alla joħloq id-dinja;<br>- Alla jibni ħbiberija bejnu u bejn il-bniedem;<br>- juri din il-ħbiberija f'dak kollu li ħalaq;<br>- aħna nuru din il-ħbiberija li Alla wera magħna mal-oħrajn. | |
| **L-Attitudni**<br>• Nieqaf u naħseb dwar dak li Alla għamel għalija. | |
| **Il-Fidi** | **7.3** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-fidi titlobna li nħarsu lejn Alla bħala xi ħadd li hu aqwa minn kull ħaġa oħra.<br>• Id-definizzjoni tal-kelma **Reliġjon**.<br>• X'kien iħoss il-bniedem primittiv - li kellu bżonn jagħti qima lill-allat; kien jemmen li dawn jistgħu jgħinuh u li kull bniedem m'hu xejn mingħajr Alla.<br>• L-Iben t'Alla ġie mibgħut fid-dinja sabiex jgħallimna nħobbu u jsalvana mill-ħażen.<br>• Ġesù għalhekk hu s-Salvatur tagħna li miet għalina biex aħna ngħixu fuq l-eżempju tiegħu u morru l-ġenna.<br>• Wara 3 ijiem Ġesù qam rebbieħ fuq il-mewt.<br>• Ġesù tana t-tmien beatitudnijiet bħala ġwida għalina..<br>• It-tieni persuna tat-Trinità Qaddisa hu l-Iben.<br>• Ftit informazzjoni dwar id-differenzi bejn it-tliet fergħat tar-Reliġjon Nisranija. (Ara l-manwal).<br>• L-ekumeniżmu hu l-moviment biex iressaq eqreb lejn xulxin dawn il-friegħi li lkoll jistqarru l-fidi waħda tagħhom f'Ġesù Kristu.<br>• Il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda bejn l-Insara. | |
| **L-Atitudni**<br>• Napprezzaw l-għaqda u naħdmu għall-aqda ta' bejnietna. | |

| | |
|---|---|
| **Ġesù – l-akbar Ħabib** | **7.6** |
| **Il-Kontenut**<br>• Ġesù jurina l-imħabba ta’ Alla għalina u għal ta’ madwarna.<br>• Ġesù – l-Iben t’Alla li ġie mibgħut fid-dinja biex isalvana mid-dnub u jressaqna viċin t’Alla.<br>• Hu wera mħabba, rispett u ħbiberija lejn kulħadd anke lejn dawk li kienu ‘differenti’.<br>• Il-predikazzjoni tiegħu kienet għal kulħadd u l-parabboli kienu stejjer li kien jgħid li seta’ jifhimhom kulħadd.<br>• Barra minn hekk, kien iħenn u jagħmel il-mirakli (kemm spiritwali kif ukoll fiżiċi) ma’ kulħadd.<br>• Dan juri kemm Ġesù kellu jdejh miftuħa għal kull persuna u ried il-ġid ta’ kull bniedem.<br>• L-istorja ta’ Bartimew - wieħed mill-għomja fil-Vanġelu li Ġesù għamel miraklu miegħu. (Mark, kap10: 46-52). | |
| **L-Attitudni**<br>• L-importanza li nisimgħu lil ħaddieħor ħalli nifhmu u ngħinu lil xulxin. | |
| **Inħobb lill-oħrajn** | **7.8** |
| **Il-Kontenut**<br>• Fil-ħolqien, Alla għamel kollox tajjeb.<br>• Il-bniedem ta widen lix-xitan u għalhekk gerfex il-pjan t’Alla.<br>• Mill-Evanġelju: Ġwanni 4: 7-10.<br>• Mill-Atti tal-Appostli Kap 10, versi 25-26: Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd. | |
| **L-Attitudni**<br>• Għandna nħarsu b’mod pożittiv lejn kull ċelebrazzjoni għax iġġib l-għaqda fil-komunità. | |
| **Kap 8 - Id-Dawl u d-Dlam** | |
| **Alla hu d-dawl u d-Dlam** | **8.1** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-fidi mibnija fuq id-dawl.<br>• Ngħixu l-preżenza t’Alla permezz ta’ dan id-dawl.<br>• Id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux. (Ġwanni 1: 5) – Ġesù jirbaħ dejjem.<br>• Id-dawl huwa simbolu ta’ tama u mħabba.<br>• L-Eġizzjani kellhom joqogħdu tlett ijiem fid-dlam bħala kastig talli ma ħelsux lill-Poplu Lhudi mill-jasar.<br>• San Pawl ra dawl qawwi meta kien fit-triq lejn Damsku biex jippersegwita lill-ewlenin Insara.<br>• Id-dnub idallam il-ħajja tan-Nisrani u l-ħbiberija m’Alla u mal-oħrajn.<br>• Aħna l-Insara għandna nkunu dawl għall-ġnus kollha.<br>• Il-blandun hija xemgħa twila li tirrappreżenta lil Ġesù rebbieħ fuq il-mewt.<br>• In-Nisrani għandu jdawwal il-ħajja tal-oħrajn permezz tas-sabar u tal-ferħ. | |
| **L-Attitudni**<br>• Inwarrbu dak kollu li hu ħażin mill-ħajja tagħna. | |

## Ġesù qam mill-mewt — 8.2

**Il-Kontenut**

- Ġesù huwa dak li jurina t-triq għal għand il-Missier.
- Il-ġrajja tal-qawmien ta' Ġesù mill-mewt. Hemmhekk id-dawl għeleb id-dlam.
- Il-liturġija tal-Għid tibda bil-liturġija tad-dawl.
- Il-ġrajja tal-qawmien – San Mattew 28: 1-9.

**L-Attitudni**

- F'kull ċirkostanza ta' ħajjitna, inkunu ta' dawl għall-oħrajn.

## Il-Vġili tal-Għid — 8.5

**Il-Kontenut**

- Il-Vġili tal-Għid hija ċ-ċelebrazzjoni li nagħmlu tard fil-għaxija lejliet l-Għid.
- It-taqsimiet tal-Vġili tal-Għid.
- Il-Blandun - simbolu ta' Kristu, id-dawl veru tagħna.
- Fil-quddiesa tal-Għid isiru riti li fihom niċċelebraw il-qawmien mill-mewt ta' Ġesù.
- Fil-bidu tal-quddiesa il-qassis ibierek in-nar ġdid u minnu jixgħel il-Blandun.
- Meta nixegħlu x-xemgħat ta' xulxin niftakru li Kristu jasal għandna mingħand l-oħrajn u aħna ngħadduh lil ħaddieħor.
- Ikun hemm il-kant u l-qari tas-seba' siltiet mill-Kotba Mqaddsa li huma kollha meħudin mit-Testment il-Qadim.
- Waqt li nisimgħu is-seba' siltiet niftakru kif Alla ħabb lill-poplu Tiegħu matul iż-żminijiet.
- Wara kull silta jsir il-kant tas-Salmi.
- Inkantaw l-Alleluja u nsegwu l-Evanġelju biex niftakru fil-ġrajja tal-qawmien.
- Wara l-Omelija ssir iċ-ċerimonja tas-Sagrament tal-Magħmudija.
- Wara li t-trabi jitgħammdu jsir it-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija.
- Permezz tal-Ewkaristija aħna nkunu nistgħu nieħdu sehem fit-tqarbin fejn nirċievu lil Ġesù ġo fina.
- It-tqarbin jista' jsir kemm bil-ħobż kif ukoll bl-inbid ikkonsagrat.

**L-Attitudni**

- Inħarsu lejn l-Għid bħala l-akbar festa tal-Knisja. Nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi tal-Għid għaliex fihom hemm it-tifsira tal-fidi tagħna.

## Sitwazzjonijiet fil-ħajja tan-Nisrani. — 8.7

**Il-Kontenut**

- ngħixu ħajjitna fid-dawl ta' Ġesù Rxoxt f'kulma nagħmlu u ngħaddu minnu.

**L-Attitudni**

- Ngħixu ta' ċittadini u Nsara tajbin.

# Kap 9: Lanterni

## L-Umanità li Tgħaqqadna — 9.2

**Il-Kontenut**

- Niċċelebraw id-differenzi li jeżistu bejnietna biex id-diversita' ma tkunx xkiel għall-paċi imma tgħinna għall-għaqda bejnietna.
- Hemm ħafna affarijiet li jagħmluna simili għax aħna bnedmin.
- L-istudenti jitgħallmu l-Parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb – San Ġwann, Kap 4, versi 1-42.

| | |
|---|---|
| **L-Attitudni**<br>• Id-diversità ta' bejnietna tgħinna nkabbru t-talenti. | |
| **It-Tlugh fis-Sema ta' Gesù u Pentekoste** | **9.5** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-ktieb tal-Atti tal-Appostli fih żewġ ġrajjiet importanti – it-tlugħ ta'Ġesù fis-sema (Lapsi) u l-miġja tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli (Pentekoste).<br>• L-istudenti jfittxu dawn il-ġrajjiet fil-Bibbja – Atti 1: 4-11 u Atti 2: 1-13.<br><br>**L-Attitudni**<br>• Inxerrdu l-qawwa li jagħtina l-Ispirtu s-Santu biex inkabbru l-komunità ta' bejnietna. | |
| **Gwanni Pawlu II – Miftuħ għal kulħadd** | **9.6** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-ħajja tal-Beatu Ġwanni Pawlu II.<br>- Il-Beatu Ġwanni Pawlu II, magħzul Papa fl-1978, kien Papa li ħadem ħafna għad-djalogu bejn ir-reliājonijiet differenti u biex ikun hawn relazzjonijiet tajbin bejn nies ta' twemmin u kulturi differenti;<br>- Baqa' jkun dawl għad-dinja anke jekk kbir fl-età u b'ħafna mard fiżiku sa l-aħħar mument ta' ħajtu;<br>- L-enfasi li għamel fuq l-għaqda u d-djalogu u d-dinjità ta' kull bniedem;<br>- Kien missier u mudell għad-dinja kollha u qatt ma qata' qalbu;<br>- Hu żar ħafna pajjiżi biex iwassal il-messagg ta' Ġesù Kristu;<br>- Dan il-Papa kien tassew devot kbir tal-Madonna;<br>- Hu tkellem b'diversi lingwi biex ixerred it-tagħlim ta' Ġesù lid-dinja kollha;<br>- Meta kien qassis u isqof kellu sitwazzjoni diffiċli għaliex kellu sitwazzjoni diffiċli għaliex kien mgħasses mill-komunisti anke meta kien ikun iqarar;<br>- Kien dejjem jippriedka fuq l-imħabba u l-maħfra;<br>- Hu ħalla warajh ħafna tagħlim sabiħ u ta' importanza għall-mixja tal-bniedem;<br>- Kiteb ħafna enċikliċi fejn tkellem dwar id-dinjità tal-bniedem – fosthom Redemptor Homisi – Il-Feddej tal-Bniedem;<br>- Ġwanni Pawlu II kien bniedem li ra ħafna għawġ;<br>- F'żogħżitu tilef 'l ommu, lil ħuh u lil missieru kif ukoll bħala Pollakk quddiem tbatija tal-poplu tiegħu.<br><br>**L-Attitudni**<br>• Nitgħallmu li t-tfixkil ma jaqtagħlna qatt qalbna. | |
| **Madre Tereża – imħabba lejn l-ifqar fost il-fqar** | **9.7** |
| **Il-Kontenut**<br>• Informazzjoni dwar Madre Tereża.<br>- Twieldet fis-26 t'Awissu 1910 ġewwa l-Albanija bħala Agnes Gonxha Bojaxhiu;<br>- Hija fundatrici tas-sorijiet Missjunarji tal-Karità;<br>- Issejha tagħha kienet għad-dinja kollha imma qalbha kienet għal Ġesù biss;<br>- Kienet tgħid: "Ħobb sakemm tbati"; "Xerred l-imħabba kulfejn tkun"; "Tħalli lil ħadd jersaq lejk mingħajr ma jitlaq aktar ferħan."<br>- L-importanza li għandna nagħtu lil Ġesù fl-Ewkaristija;<br>- L-għaqda fil-familja;<br>- Kienet turi ħafna solidarjetà mal-marid;<br>- Ħadmet fost l-ifqar fost il-fqar;<br>- Urietna kuraġġ kbir biex ma nibżgħux inbatu biex naqdu; | |

| | |
|---|---|
| - Kellha rispett kbir lejn persuni ta' twemmin jew kultura differenti.<br>**L-Attitudni**<br>• Ma nibżgħux nagħtu minn dak li għandna. | |
| **Kap 10: It-Talb** | |
| **Kif se nitlob?** | **10.3** |
| **Il-Kontenut**<br>• It-talb hu l-ftuħ tal-qalb tagħna lil Alla.<br>• Bit-talb nitkellmu ma' Alla.<br>• Nużaw il-moħħ u l-qalb biex nitkellmu ma' Alla.<br>**L-Attitudni**<br>• Kemm hu importanti li nitgħallem nitlob sew. | |
| **L-ingredjenti tat-Talb** | **10.4** |
| **Il-Kontenut**<br>• L-ingredjenti għat-talb huma essenzjali:<br>- li niskot,<br>- li nagħti ħin nisma' lil Alla jkellimni,<br>- niftaħ qalbi miegħu<br>- li nagħmel dak li Alla jurini li jrid minni fit-talb.<br>• It-talb barra li jgħin lilna jrid jgħin ukoll lil ħutna l-bnedmin.<br>**L-Attitudni**<br>• Min jiltaqa' ma' Ġesù fit-talb ikun ferħan u jinbidel, bħalma ġara lid-dixxipli t'Għemmaws. | |
| **Nitolbu lil Missierna flimkien** | **10.5** |
| **Il-Kontenut**<br>• 'Il-Missierna' - talba speċjali għax ġejja minn Ġesu stess.<br>• Bil-'Missierna' aħna nressqu lil Alla x-xewqat u l-bżonnijiet kollha tagħna bħala wliedu.<br>• Hi t-talba li turina kif għandna nitolbu.<br>• It-taqsimiet tal-'Missierna'.<br>**L-Attitudni**<br>• Nifhem sew x'ngħid fil-"Il-Missierna" għaliex fiha nfaħħar lil Alla u nitolbu għall-bżonnijiet tiegħi. | |
| **Nitolbu llum** | **10.7** |
| **Il-Kontenut**<br>• Ġesu bħala bniedem ħass il-bżonn li qabel kull ħaġa li jagħmel jitlob.<br>• Bħal Ġesù aħna wkoll għandna nsibu ħin biex nitolbu.<br>• Il-Quddiesa – l-akbar talba li nistgħu nagħmlu lil Alla għaliex fiha Kristu jerġa' joffri lilu nnifsu lil Alla bħala ikel għalina.<br>• Biex nieħu sehem bis-sħiħ fil-Quddiesa: nisma' sew il-qari; inwieġeb; nirċievi lil Ġesù.<br>**L-Attitudni**<br>• Nipparteċipa b'mod sħiħ fil-Quddiesa. | |

| Kap 11 - Il-Qaddisin | |
|---|---|
| **Il-Beatitudnijiet** | **11.2** |
| **Il-Kontenut**<br>• It-tifsira tal-frażi: "Kunu mberkin";<br>• Ġesù jurina fil-verità min huma l-imberkin.<br>• Il- Beatitudnijiet : l-Evanelju ta' San Mattew,  Kap 5, 1-12 u spjega tagħhom. | |
| **L-Attitudni**<br>• Nagħrfu li jekk bil-verità nimxu wara Ġesù, aħna nkunu tassew "Imberkin". | |
| **Il-Knisja Bħala Xirka tal-Qaddisin** | **11.3** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-kelma "qaddis" tfisser li tkun tħobb tassew lil Alla, tgħix f'rabta mill-qrib miegħu.<br>• Min huma l-qaddisin.<br>• "Ix-Xirka tal-Qaddisin"<br>- Xirka tfisser għaqda;<br>- Il-qaddisin għandhom għan wieħed –li jħobbu lil Alla.<br>• Il-Kredu tal-Appostli għaliex fih ngħidu: "ix-Xirka tal-Qaddisin".<br>• Xi trid tagħmel biex issir qaddis/a? | |
| **L-Attitudni**<br>• Kemm hu sew li nifhmu li aħna lkoll imsejħin biex insiru qaddisin. | |
| **Santa Marija Goretti** | **11.5** |
| **Il-Kontenut**<br>• Il-ħajja ta' Santa Marija Goretti fil-qosor.<br>- Twieldet l-Italja – Missierha kien Luigi u miet bil-malarja – kienet iddikjarata qaddisa fl-24 ta' Ġunju 1950 – il-festa tagħħha tiġi ċċelebrata fis-6 ta' Lulju u hija patruna taż-żgħażagħ – kienet tħobb lill-familja tagħha u kienet tbati għaliha – kienet tħabrek biex tmur titgħallem – kienet tagħmel minn kollox biex tgħin – kienet ferriħija u ċajtiera. Kienet soda fejn jidħol Ġesù;<br>- Marija Goretti tgħallimni nagħżel it-tajjeb mill-ħażin;<br>- Biex nagħżel it-tajjeb, ikolli nbati. | |
| **L-Attitudni**<br>• Sabiħ li nkunu ferrieħa u sodi biex nagħmlu t-tajjeb. | |
| **Kulħadd Imsejjaħ** | **11.7** |
| **Il-Kontenut**<br>• Alla jsejjaħ lil kull bniedem biex jimxi warajh.<br>• Sejħat/vokazzjonijiet differenti.<br>• Ma' kull vokazzjoni hemm marbuta missjoni.<br>• Persuni differenti li jgħixu l-vokazzjoni differenti tagħhom – il-ġenituri – il-qassisin – il-missjunarji – in-nersis – il-katekisti – l-għalliema – it-tobba (fost l-oħrajn). | |
| **L-Attitudni**<br>• Napprezzaw kull sejħa lil Alla jagħmel lill-oħrajn u lilna nfusna. | |